



2024/2030

24.7.2024

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2030**

**tat-23 ta' Lulju 2024**

**li jipprevedi appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għas-settur tal-frott u l-ħxejjex u għas-settur tal-inbid affettwati minn avvenimenti klimatiċi avversi fl-Awstrija, fiċ-Ċekja u fil-Polonja, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 221(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Matul ir-rebbiegħa tal-2024, partijiet tal-Awstrija kienu affettwati minn avvenimenti klimatiċi avversi ta' kobor bla preċedent (għata), li kienu ġew preċedenti minn temperaturi sħan mhux tas-soltu f'Jannar, Frar u Marzu. Il-veġetazzjoni, li bħala medja kienet bikrija bi 3 ġimgħat, kienet għalhekk aktar suxxettibbli għat-temperaturi aktar baxxi mis-soltu li sehew matul ir-rebbiegħa. Il-mewġa tal-għata affettwat b'mod sinifikanti l-frott taż-żerriegħa u l-frott irqiq, u s-settur tal-inbid.
- (2) Matul il-ġimgħatejn fit-tieni nofs ta' April 2024, it-territorju taċ-Ċekja kien affettwat minn avvenimenti klimatiċi avversi ta' kobor mhux preċedenti (għata), li kkawżaw temperaturi aktar baxxi mis-soltu li damu għal diversi jiem. Minħabba l-livell għoli ħafna ta' żvilupp tal-veġetazzjoni minħabba t-temp estremament sħun f'Marzu, kien hemm ħsara bla preċedent fl-imsaġar u fid-dwieli. Il-mewġa tal-għata affettwat serjament il-produzzjoni tal-frott u s-settur tal-inbid.
- (3) Matul ix-xahar ta' April 2024, partijiet tal-Polonja kienu affettwati minn avvenimenti klimatiċi avversi ta' kobor bla preċedent (għata). Minħabba l-livell għoli ta' żvilupp tal-veġetazzjoni minħabba kundizzjonijiet favorevoli f'Marzu, il-għata affettwat b'mod negattiv il-frott u l-ħaxix, speċjalment il-ġonna tal-frott u l-bakek, u s-settur tal-inbid. Matul ix-xahar ta' Mejju 2024 avvenimenti klimatiċi avversi addizzjonali (silġ) affettwaw is-settur tal-frott u l-ħxejjex billi pproduċew danni addizzjonali.
- (4) Filwaqt li hemm indikazzjonijiet li avvenimenti klimatiċi avversi simili jseħħu f'kuntest ġenerali ta' żieda fir-riskji għall-agrikoltura relatati mat-tibdil fil-klima, l-intensità ta' dawk l-avvenimenti fl-Awstrija, fiċ-Ċekja u fil-Polonja kienet straordinarja, u affettwat żona u sehem tal-produzzjoni sinifikanti.
- (5) Id-danni sinifikanti għall-produtturi agrikoli kkawżati minn dawk l-avvenimenti klimatiċi avversi u t-telf ta' introjtu li jirriżulta għall-produtturi affettwati fl-Awsrija, fiċ-Ċekja u fil-Polonja jipperikolaw il-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli.
- (6) Għalhekk jenħtieġ tiġi adottata miżura eċċezzjonali biex tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-problemi speċifiċi wara dawk l-avvenimenti klimatiċi avversi.
- (7) Id-danni sinifikanti u t-telfien ekonomiku mġarrbin mill-produtturi agrikoli minħabba avvenimenti klimatiċi avversi jikkostitwixxu problema speċifika fis-sens tal-Artikolu 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li ma tistax tiġi indirizzata faċilment mill-miżuri meħuda skont l-Artikoli 219 jew 220 ta' dak ir-Regolament. Is-sitwazzjoni mhijjex marbuta speċifikament ma' disturb uniku identifikat fis-suq jew ma' theddida preċiża tiegħu. Mhijjex marbuta lanqas ma' miżuri li jikkombattu t-tixrid tal-mard tal-annimali jew mat-telf fil-fiduċja tal-konsumaturi minħabba r-riskji għas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti.

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671. ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>.

- (8) L-ammonti li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Awstrija, taċ-Ċekja u tal-Polonja jenħtiegħ li jiġu ddeterminati, filwaqt li jitqies b'mod partikolari, il-piż rispettiv tal-Awstrija, taċ-Ċekja u tal-Polonja fis-settur agrikolu tal-Unjoni, abbażi tal-limiti massimi netti għall-pagamenti diretti sttipulati fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, kif ukoll l-impatt tal-avvenimenti klimatiċi avversi riċenti f'dawn l-Istati Membri.
- (9) L-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja jenħtiegħ li jqassmu l-għajjnuna permezz tal-aktar mezzi effettivi abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji li jqisu l-kobor tad-diffikultajiet u d-danni ekonomiċi attwali li jiffaċċaw il-bdiewa kkonċernati. Jenħtiegħ li jiżguraw li l-bdiewa jkunu l-benefiċjarji aħħarin tal-għajjnuna u jevitaw kwalunkwe distorsjoni tas-suq jew tal-kompetizzjoni.
- (10) Billi l-ammonti allokatil lill-Awstrija, liċ-Ċekja u lill-Polonja jindirizzaw biss b'mod parzjali d-diffikultajiet ekonomiċi mġarrba mill-bdiewa, jenħtiegħ li l-Istat Membru jitħalla jagħti appoġġ nazzjonali addizzjonali lill-bdiewa, skont il-kundizzjonijiet stabbilit minn dan ir-Regolament.
- (11) Sabiex l-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja jingħataw il-flessibilità biex iqassmu l-għajjnuna skont il-ħtieġa taċ-ċirkustanzi tal-bdiewa kkonċernati, jenħtiegħ li l-Istat Membru jkun jista' jakkumula dik l-għajjnuna ma' appoġġ ieħor iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, mingħajr ma jagħtu kumpens żejjed lill-bdiewa.
- (12) Sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, jenħtiegħ li l-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja jqisu l-appoġġ mogħti fil-qafas ta' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi privati bħala rispons għat-telf ekonomiku kkonċernat.
- (13) Għal raġunijiet baġitarji, jenħtiegħ li l-Unjoni tiffinanzja n-nefqa mġarrba mill-Awstrija, miċ-Ċekja u mill-Polonja skont din il-miżura, biss meta tali nefqa ssir sa ċerta data ta' eliġibbiltà. Għalhekk l-appoġġ għal din il-miżura eċċezzjonali jenħtiegħ li jitħallas sal-31 ta' Jannar 2025.
- (14) Peress li ma għandhomx isiru pagamenti wara l-31 ta' Jannar 2025, ma għandux japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 <sup>(3)</sup>, li jipprevedi tnaqqis proporzjonali tal-pagamenti ta' kull xahar li jsiru wara l-iskadenza.
- (15) L-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja jenħtiegħ li jikkomunikaw lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, sabiex l-Unjoni tkun tista' timmonitorja l-effiċjenza tal-miżura introdotta b'dan ir-Regolament.
- (16) Sabiex ikun żgurat li l-bdiewa jirċievu l-għajjnuna malajr kemm jista' jkun, l-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja jenħtiegħ li jkunu jistgħu jimplimentaw dan ir-Regolament mingħajr dewmien. Għalhekk jenħtiegħ li dan ir-Regolament jidhöl fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komunitas-Swieq Agrikoli,

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj>).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2022/127/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj)). [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2022/127/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Għajjnuna tal-Unjoni ta' ammont totali ta' EUR 10 miljun għandha tkun disponibbli għall-Awstrija, għajjnuna tal-Unjoni ta' ammont totali ta' EUR 15-il miljun għandha tkun disponibbli għaċ-Ċekja u għajjnuna tal-Unjoni ta' ammont totali ta' EUR 37 miljun għandha tkun disponibbli għall-Polonja, biex jingħata appoġġ eċċezzjonali lill-bdiewa soġġet għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.
2. L-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja għandhom jużaw l-ammonti msemija fil-paragrafu 1 għal miżuri li għandhom l-għan li jikkompensaw lill-bdiewa l-aktar affettwati fis-settur tal-frott u l-ħxejjex u fis-settur tal-inbid, għat-telf ekonomiku li għandu impatt fuq il-vijabbiltà tal-bdiewa.
3. Il-miżuri msemija fil-paragrafu 2 għandhom jittieħdu abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji li jqisu t-telf ekonomiku attwali mġarrab mill-bdiewa affettwati u għandhom jiżguraw li l-pagamenti li jirriżultaw ma jikkawżaw ebda distorsjoni fis-suq jew fil-kompetizzjoni.
4. L-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja għandhom jiżguraw li, meta l-bdiewa ma jkunux il-benefiċjarji diretti tal-pagamenti tal-għajjnuna tal-Unjoni, il-benefiċċju ekonomiku tal-għajjnuna tal-Unjoni jingħadda lilhom b'mod sħiħ.
5. In-nefquet imġarrba mill-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja msemija fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-pagamenti għall-miżuri msemija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu eliġibbli għall-għajjnuna tal-Unjoni biss jekk daww il-pagamenti jkunu saru sal-31 ta' Jannar 2025.
6. Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jistgħu jiġu akkumulati ma' appoġġ ieħor ifffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.
7. L-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja jistgħu jagħtu appoġġ nazzjonali addizzjonali għall-miżuri meħuda skont il-paragrafu 2 sa massimu ta' 200 % tal-ammont rispettiv stipulat fil-paragrafu 1, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, dment li l-pagamenti li jirriżultaw ma jikkawżaw ebda distorsjoni fis-suq jew fil-kompetizzjoni.
8. Sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, meta jingħata appoġġ skont dan ir-Regolament, l-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja għandhom iqisu l-appoġġ mogħti fil-qafas ta' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi privati biex iwiegħbu għat-telf ekonomiku kkonċernat.

#### Artikolu 2

1. Mingħajr dewmien u mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2024, l-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dawn li ġejjin, b'rabta mal-miżuri msemija fl-Artikolu 1:
  - (a) deskrizzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu;
  - (b) il-kriterji li ntużaw biex jiġu ddeterminati l-metodi għall-għoti tal-għajjnuna, l-ammonti u r-raġunament għad-distribuzzjoni tal-għajjnuna fost il-bdiewa;
  - (c) l-impatt maħsub tal-miżuri bl-għan li l-bdiewa jiġu kkompensati għat-telf ekonomiku;
  - (d) l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġi vverifikat li jinkiseb l-impatt maħsub tal-miżuri;
  - (e) l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġu evitati d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-kumpens żejjed;
  - (f) il-previżjoni għall-pagamenti tan-nefqa tal-Unjoni imqassma kull xahar sal-31 ta' Jannar 2025;
  - (g) il-livell ta' appoġġ addizzjonali mogħti skont l-Artikolu 1(7);
  - (h) l-azzjonijiet meħuda biex tiġi vverifikata l-eliġibbiltà tal-bdiewa u biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
2. Sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 2025, l-Awstrija, iċ-Ċekja u l-Polonja għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-ammonti totali mħallsa għal kull miżura, fejn japplika mqassma skont l-għajjnuna tal-Unjoni u l-għajjnuna nazzjonali addizzjonali, in-numru u t-tip ta' benefiċjarji u l-valutazzjoni tal-effettività tal-miżura.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---